

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) C. Ibáñez Martínez għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Parlament Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU C 184, 16.06.2014, p. 41.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-30 ta' April 2015 – Maraoud vs SEAE**

(Kawża F-71/14) <sup>(1)</sup>

*(Servizz Pubbliku — Persunal tas-SEAE. — Persunal bil-kuntratt — Missjoni f'pajjiż terz — Incident li seħħ fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet — Allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja — Ġranet ta' leave mhux meħuda — Teħid ta' responsabbiltà tal-kura — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prekontenzjuża — Inammissibbiltà manifesta)*

(2015/C 198/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Hayet Maraoud (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: L. F. de Castro Fernandez u J.-L. Gillain, avukati)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma jibqgħux jitħallsu l-kumpens għall-kundizzjonijiet tal-ħajja (KKĦ), il-kumpens addizzjonali (KA) fid-dawl tal-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-post ta' assenjazzjoni tar-rikorrenti u allowance ta' kuljum (AK), u ħlas ta' 49 jum ta' leave tas-sena 2012 mhux meħuda kif ukoll talba għall-kumpens għad-dannu għal nuqqas ta' assistenza u abbandun wara l-inċident fuq il-post tax-xogħol li r-rikorrenti sfat vittma tiegħu.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) H. Maraoud għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

<sup>(1)</sup> ĠU C 388, 03.11.2014, p. 29.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-27 ta' April 2015 – Meyer vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-90/14) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Rifjut tal-allowance għall-ulied dipendenti — Artikolu 2(3)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Wild ta' età bejn it-18-il-sena u 26 sena li jirċievi taħriġ edukazzjonali jew vokazzjonali — Allowance tal-edukazzjoni — Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Wild li regolarment u full time jiffrekwenta stabbiliment ta' taħlim — Interruzzjoni tal-istudji — Rikors manifestament infondat)*

(2015/C 198/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Ronald Meyer (Tallinn, l-Estonja) (rappreżentant: H.-R. Iltin, avukat)